**Kulleġġ San Tumas More**

Skejjel Primarji

Eżami ta' Nofs is-Sena

**MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)**

**Il-Ħames Sena** **Frar 2015** **Ħin: 30 minuta**

## Il-Karta tal-Għalliema

### Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.

2. Aqra l-iskript bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'.

3. L-iskript **aqrah darbtejn**, kwarta kull darba.

***Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.***

**(Wara 5 minuti)**

***Issa ser naqra s-silta . Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu l-mistoqsijiet. Is-silta u l-mistoqsijiet se naqrahomlkom darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara nerġa' naqralkom is-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba.***

***Waqt li qed naqra s-silta tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.***

Se nibda.

Kien wasal il-Pellegrinaġġ tar-Roti. Din hi okkażjoni unika f'Malta, fejn ikun hemm sriebet twal ta' muturi u roti. Isir pellegrinaġġ mill-Mosta, minn fejn jibdew isuqu l-muturi, u ieħor mir-Rabat, minn fejn jibdew jaqdfu dawk tar-roti.

Il-festa tal-Madonna tal-Grazzja taqa' fl-ewwel Ħadd ta' wara t-8 ta' Settembru. U din is-sena, billi kien hawn xi ħbieb antiki tan-nanna ta' David u Marija, it-tfal marru magħhom għall-festa.

X'għagħa kien hemm! In-nies tistenna bi ħġarha sakemm jaslu ż-żewġ pellegrinaġġi…u m'għandniex xi ngħidu, David ħabat ser jiddejjaq. Ħarstu daret lejn xi tfal li kienu donnhom qed jiġru u jgħajtu, għal xi raġuni oħra. U tabilħaqq hekk kien. Fl-isqaq Numru Wieħed, li jiġi lejn il-ġenb tal-lemin tal-knisja parrokkjali, kienet qed issir logħba 'noli', iżda mhux kif nafuha s-soltu.

Xi ħadd kien iwaddab bott 'il ġewwa, u l-oħrajn jitilqu jiġru. Min kien 'biha', imur jiġri għall-bott, u jsabbtu tliet darbiet fuq il-galletta, u jħallih hemm sakemm jibda jfittex lil sħabu. Tant kien hemm nies, moviment u storbju, li kultant, it-tfal kienu jinħbew wara xi ħadd, u dan James lanqas biss kien jinduna bihom.

David talab permess mingħand ommu biex imur jilgħab, u din għall-ewwel beżgħet li jintilef qalb il-folla, iżda wara ħafna qrid, qaltlu biex ma jitbegħidx u ma jdurx kantunieri li ma jmurx jintilef kif kien ġralhom dakinhar tal-festin tal-preċett f'Ħal Lija.

It-tfal mill-ewwel daħħluh fil-logħba, u meta raw lil Marija tħares lejhom, staqsewha ridetx tilgħab hi wkoll. Imma din kellha qalziet ġdid, u beżgħet li tħammġu, u għaldaqstant ma lagħbitx.

Wara xi nofs siegħa, ġriet kelma li kienu waslu l-muturi. "Ejja 'l hawn imbierek!" qalet omm it-tewmin lil David. Dan obda, għax kien jaf li darb'oħra ma tħallihx jerġa' jagħmel dak li jkun jixtieq.

Mela waslu l-muturi, u ftit wara waslu wkoll ir-roti. Kemm ferħu t-tfal, kemm ċapċpu n-nies. Wara, saret ċerimonja, u kif spiċċa kollox, marru jieħdu pizza fil-ħanut tal-kuġin tal-papà tat-tewmin.

***

***Issa li smajtu din is-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tibdew taħdmu t-tweġibiet.***

***Mela, issa se naqralek Taħriġ A.***
***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha skont dak li smajt fis-silta.***

***In-numru wieħed***

Il-pellegrinaġġ kien isir:
a) bil-muturi u bir-roti.
b) bid-dgħajjes u l-vapuri.
ċ) bl-ajruplani u l-ħelikopters.

***In-numru tnejn***

Il-festa tal-Madonna tal-Grazzja ssir:
a) f'Jannar.
b) f'April.
ċ) f'Settembru.

***In-numru tlieta***

Il-logħba li kienet qed tintlagħab fl-isqaq kienet:
a) noli.
b) futbol.
ċ) passju.

***In-numru erbgħa***

Qabel mar jilgħab, David talab permess mingħand:
a) missieru.
b) ħuh.
ċ) ommu.

***In-numru ħamsa***

Marija ma riditx tilgħab biex:
a) toqgħod tiżfen.
b) taqra ktieb.
ċ) ma tħammiġx il-qalziet.

***In-numru sitta***

Fil-ħanut tal-kuġin tal-papà t-tfal ħadu:
a) kejk.
b) pizza.
ċ) torta.

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.***
***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba.***

***In-numru wieħed***
David u Marija kienu aħwa. Veru jew falz?

***In-numru tnejn***
Il-festa ċċelebrata kienet dik ta' San Pietru. Veru jew falz?

***In-numru tlieta***
L-isqaq kien ħafna 'l bogħod mill-Knisja. Veru jew falz?

***In-numru erbgħa***
David qagħad il-ħin kollu ħdejn ommu. Veru jew falz?

***In-numru ħamsa***
It-tfal użaw bott waqt il-logħob tagħhom. Veru jew falz?

***In-numru sitta***
In-nies bdew iċapċpu meta waslu l-muturi u r-roti. Veru jew falz?

***In-numru sebgħa***
Il-ħanut fejn kielu kien taz-zija tal-mamà ta' David. Veru jew falz?

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ Ċ.***
***Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.***

***In-numru wieħed***
Għall-pellegrinaġġi jkun hemm numru kbir ta' roti u ___________________

***In-numru tnejn***
Il-pellegrinaġġ tar-roti jibda mir-raħal tar- ___________________.

***In-numru tlieta***
Iċ-ċelebrazzjoni tal-festa msemmija ssir nhar ta' ___________________.

***In-numru erbgħa***
Il-logħba Noli kienet qed tintlagħab fi Sqaq Numru ___________________.

***In-numru ħamsa***
Lil Marija t-tfal qalulha jekk tixtieqx___________________ magħhom.

***Issa wasalna għall-aħħar taħriġ, Taħriġ D.***
***Agħżel it-tifsira t-tajba skont is-sens tas-silta billi taqta' sinjal taħtha.***

***In-numru wieħed***
Fl-istorja nisimgħu li n-nies kienu qed jistennew bi ħġarhom sakemm jaslu l-pellegrinaġġi. L-espressjoni *bi ħġarhom* tfisser

a) eċċitati ħafna.
b) irrabjati.
ċ) mdejqin.

***In-numru tnejn***
Fil-programm smajna li wara xi nofs siegħa ġriet il-kelma li waslu l-muturi. L-espressjoni *ġriet il-kelma* tfisser:

a) telqu jiġru ħafna nies.
b) ħafna nies bdew jiktbu.
ċ) sar jaf kulħadd x'ġara.

***Issa se nerġa' naqralkom l-istorja u wara l-mistoqsijiet. Tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.***

Wara li taqra s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba agħti ftit minuti lit-tfal biex tara li jkunu lesti. Fl-aħħar tista' tgħid:

***Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa.***